ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 29/14**
***Kienet addottata Aġenda nru. 24/2014***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 8 ta' April 2014**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 28/14

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 28/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 28/14

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 48/14

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 48/2014 tat-Tlieta 25 ta' Frar 2014 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Camilleri tkellem dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali u għamel referenza partikularment għall-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif li sar fit-Triq Ta' Ċikku.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Ittra mibgħuta minn Citadel Insurance plc dwar dokument li kien iffirma l-eks Sindku Saliba fejn rabat lill-Kunsill biex għal ħames snin, il-poloz ta' assikurazzjoni tal-Kunsill jinxtraw mingħand Citadel Insurance plc.

Ittra mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex dwar installazzjoni ta' tlett fanali dekorattivi fuq bankina fi Triq ix-Xwejni. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-proposta.

Ċirkulari tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali dwar servizz ta' *social work* ma' persuni l-fuq minn sittin sena mid-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Kommunita`.

Ittra mibgħuta mill-Malta Football Association bis-suġġett 'UEFA European under 17 Championship – Malta 2014'.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-bini ta' lqugħ ta' siti mhux żviluppata fil-lokalita` bil-fondi tal-UIF.

## 6. MOZZJONIJIET

Mozzjoni nru. 01/2014

Proponent: il-Viċi Sindku Mario Cassar

Sekondant: is-Sindku Nicky Saliba

Ippropona li ''fid-dawl tat-telfa riċenti tal-benefattur kbir tal-lokalita` taż-Żebbuġ il-Monsinjur Luiġi Vella, Arċipriet Emeritus taż-Żebbuġ:

1. Il-parti ta’ Triq il-Knisja li tibda minn Triq iż-Żebbuġ u tispiċċa hekk kif tmiss ma’ Triq Dun Franġisk Vella tissemma’ Triq Monsinjur Luiġi Vella;
2. Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex jippartecipa bi ħġaru f’ kommemorazzjonijiet eventwali li jfakkru lill-istess Arċipriet Emeritus.’’

Qbil unanimu mal-mozzjoni tal-Viċi Sindku.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 20/2014 – is-Sindku Nicky Saliba**
Ressaq dawn il-proposti:

- biex jinbidlu l-fanali ta’ Sqaq Anton Mallia.
- titwitta rampa fi Triq Ta’ Kuljat – ser issir *site visit* mis-Sindku u l-Kunsillier Refalo.
- jinħartu s-siġar taż-żebbuġ fi Triq Iż-Żebbuġ – kien approvat il-ħart tas-siġar; isir minn Savio Saliba.
- żbir ta’ siġar fi Triq Iż-Żebbuġ – tintbagħat *reminder* lit-Taqsima Agrikoltura.

**Nru. 21/2014 – Joseph Zammit**
Terġa’ ssir il-lapida tal-irħam fi Triq Panoramika turi meta Nicky Farrugia qasam minn Sqallija għal Malta bl-għawm. Proposta approvata mill-Kunsill.

**Nru. 22/2014 – il-Kunsillier Joseph Camilleri**
Kisi bil-konkos maġenb l-appartamenti ta’ Saliba fi Triq ix-Xwejni u jsir traqqiegħ ta’ Triq tal-Kanun. Xogħol approvat mill-Kunsill.

**Nru. 23/2014 – il-Viċi Sindku Mario Cassar**
Ippropona li:

- l-Kunsill jibda jixtri kopji ta’ teżijiet u *long essays* bħala parti mill-istudji universitarji jew f’ livell ta’ *first degree* jew post-lawreja riċerkati minn gradwandi mill-lokalita` taż-Żebbuġ biex jitpoġġew fil-librerija. Il-Kunsill iħallas jew jipprintja hu stess ir-riċerki minn *pendrive* li jissottomettu l-gradwandi.
- f’ Jum iż-Żebbuġ jiġu ppremjata ż-żewġ studenti Angelique Portelli u Nick Agius għall-kwalifikazzjoni tagħhom f’ kompetizzjoni tax-Xjenza.

Kien hemm qbil mal-proposti tal-Viċi Sindku.

## 8. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 22/2014 – DOK A għall-perijodu bejn l-1 ta’ Marzu 2014 u l-4 ta’ April 2014 kienet approvata.

## 9. JUM IŻ-ŻEBBUĠ 2014

Il-Kunsill approva l-*items* relatata mal-attivitajiet ta' Jum Iż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ittra tal-Viċi Sindku fejn innomina lis-Sur Joe Bajada biex jingħata l-Premju Ġieħ iż-Żebbuġ 2014.

Kien hemm qbil li l-Premju Ġieħ iż-Żebbuġ jingħata lill-Għaqda tal-Armar Żebbuġ.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat komunikat ta' Carmel Saliba dwar l-għoti ta' tifkira jew ċertifikat lill-Kumitat Żebbuġ Rovers 2003 - 2004.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva x-xiri ta' *tower* u ta' *safety shoes* lill-ħaddiema ex-WSC.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |